**A. L-effett li għandu t-Temp Estrem.** *(5 x 1 = 5 marki)*

(i) Aqra s-sentenza u ikteb il-kelma t-tajba.

**ĦAMSA** biss huma tajbin.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *Tromba* | *Uragan* | *Valangi* | *Tsunami* | *Ħamla* |
| *Ċikluni* | *Għargħar* | *Tifuni* | *Nixfa* | *Tempesta* |

1. Ħamrija niexfa qoxqox minħabba nuqqas ta' xita għal żmien twil.

_________________

2. Ilma tal-wied li jkaxkar il-ħamrija u kull ma jsib. _______________

3. L-uċuħ tar-raba' mifqugħin kollha. ________________

4. Inħall is-silġ u tgerbet blokka kbira u radmet raħal. _____________

5. Lembut mis-sema għal isfel li jerfa' u jġorr dak li jsib fi triqtu.

_________________

(ii) Semmi **erba' ħsarat** li jikkawża **terremot**. *(2 marki x 4 = 8 marki)*

1. _______________________________________________________.

2. _______________________________________________________.

3. _______________________________________________________.

4. _______________________________________________________.

~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~
~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~

**B. Aqta' sing taħt it-tajba.** *(10 x 1 = 10 marki)*

1. Il-gżejjer Maltin jinsabu f'nofs il-Baħar (Adrijatiku, Mediterran, l-Iswed).
2. Ir-riħ li jġibilna r-ramel hu dak li ġej (min-Nofsinhar, mill-Punent, mill-Majjistral).
3. It-Tramunatana u l-Majjistral jiġu min-naħa (ta'fuq, t'isfel, tan-nofs) tal-Ewropa.



4. It-temperatura billejl (tibqa' l-istess, togħla, tinżel).
5. Inkejlu kemm hi sħana permezz ta' (termometru, anemometru, pinnur).
6. Ir-raġġi UV jaħkmuna l-aktar (fix-xitwa, fir-rebbiegħa, fis-sajf).
7. Il-linja li taqsam id-dinja fi tnejn tissejjaħ (tropikali, ekwatur, faxxa).
8. Malta tinsab 'il fuq mill-(faxxa tropikali, kontinenti, baħar Mediterran).
9. Ix-xita tibda titkejjel f'(Jannar, Settembru, Awwissu).
10. Meta jkollna pressjoni għolja jfisser li jkollna (l-maltemp, l-bnazzi, r-ramel).

~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~
~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~

**Ċ. Fl-istampa tidher il-bajja ta' Marsalforn.**



(i) Ikteb sentenza dwar x'għandu x'jaqsam Marsalforn mas-sajd. *(2)*

______________________________________________________________

______________________________________________________________

(ii) Semmi post ieħor li hu magħruf għas-sajd. ________________ *(1)*

(iii) Semmi **żewġ inġenji tas-sajd** li juża s-sajjied:

__________________________ __________________________ *(2)*

(iv) Is-sajjied jaħdem is-sena kollha, skont l-istaġun.

Semmi **żewġ staġuni tas-sajd**.

__________________________ __________________________ *(2)*

(v) Semmi **żewġ għodod tas-sajd** li juża s-sajjied biex jaqbad il-ħut.

__________________________ __________________________ *(2)*

(vi) Semmi **żewġ ismijiet ta' ħut** li jaqbad is-sajjied.

__________________________ __________________________ *(2)*

(vii) Kompli dawn is-sentenzi dwar l-**Akwakultura**:



It-Torri ta' San Luċjan qiegħed f'Marsaxlokk u fih insibu

______________________________________________

______________________________________________

____________________________________________ *(2)*

(viii) Ħuta li titkabbar f'dan il-post biex wara tinbiegħ fis-suq.

____________________________________________ *(2)*

~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~

**D. Il-Belt jew Raħal Tiegħek.**

1. Ikteb **l-isem** tal-belt/raħal fejn toqgħod. *(marka)*

______________________________________________

2. Ikteb **3 sentenzi** dwar il-belt jew raħal tiegħek. *(3 x 2 = 6 marki)*

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________
~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~

**E. Il-Logħob Olimpiku.** *(11 x 1 = 11-il marka)*

Imla l-vojt bil-kliem mogħti. Mhux il-kliem kollu ser jintuża.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| *Greċja* | *bronż* | *ħames* | *erba'* | *ġiri* | *deheb* |
| *Pierre de Coubertin* | *kontinenti* | *saħħa* | *atleti* | | |
| *irġiel* | *fidda* | *kompetizzjoni* | | | |

1. Il-Logħob Olimpiku jsir kull _______________ snin.
2. Il-Logħob Olimpiku huwa _____________________ internazzjonali.
3. Għall-bidu fl-Olimpjadi kienu jieħdu sehem ________________ biss.
4. Dawk li jieħdu sehem ngħidulhom ______________________.
5. Il-fundatur tal-Logħob Olimpiku modern hu __________________________________.
6. L-isport hu importanti ħafna għas-_________________ tal-bniedem.
7. Il-bandiera Olimpika fiha ____________________ ċrieki.
8. Dawn iċ-ċrieki juru l-għaqda bejn il-______________________ tad-dinja.
9. Min jiġi t-tielet jieħu medalja tal-________________________.
10. Min jiġi l-ewwel jieħu medalja tad-________________________.
11. Il-Logħob Olimpiku beda fil-_____________________ tal-qedem.



**F. Gonsalvo Monroy.**

Żmien twil ilu, Gonsalvo Monroy xtara l-gżejjer Maltin. Hu għamel taxxi ħorox biex jiġbor malajr il-flus li kien ħareġ.



Il-Maltin kienu fqar u għalhekk ma setgħux iħallsu dawn it-taxxi kollha. Huma kienu rrabbjati għal Monroy u keċċewh minn Malta.

Il-kapijiet Maltin talbu lis-sultan ta' Sqallija biex jerġa' jmexxi l-gżejjer Maltin. Huma wegħduh li jagħtu lura l-flus li kien ħareġ Monroy. Is-sultan Alfonso sema' t-talba tagħhom.

Il-Maltin żammew kelmithom u wara ħafna taqtigħ ta' qalb, il-flus fl-aħħar inġabru. Il-Maltin ferħu ħafna għax hekk fdew lil pajjiżhom mill-ħakma ta' Monroy.

**(i) Aqta' sing taħt il-kelma jew il-frażi t-<u>TAJBA</u>.** *(4 x 1 = 4 marki)*

a) Gonsalvo Monroy kien bniedem (ġeneruż, kattiv, maħbub, ħanin).
b) Il-Maltin kienu (kuntenti, kburin, mdejqin, xxurtjati) bit-tmexxija ta' Monroy.
c) Ir-re ta' Sqallija (rrifjuta, aċċetta, ma tax kas, kien kontra) t-talba tal-Maltin.

d) Il-Maltin qamu kontra Gonsalvo Monroy u keċċewh minn Malta u lil martu u xi ħbieb xeħtuhom (fuq gżira waħedhom, l-ħabs fil-kastell Sant'Anġlu fil-Birgu, għalquhom wara s-swar tal-Imdina).

e) Din l-istorja turi (l-kuraġġ, n-nuqqas ta' ħeġġa, n-nuqqas ta' ftehim, x-xeħħa) tal-Maltin.

**(ii) Ikteb fi kliemek biex turi:** *(3 x 2 = 6 marki)*

a) Kif dawn kienu żminijiet koroh għall-Maltin.

________________________________________

________________________________________

b) Kif il-Maltin irnexxielhom jeħilsu mill-ħakma ta' Monroy.

________________________________________

________________________________________

ċ) Kif inti kont tgħin biex tifdi lil pajjiżek.

________________________________________

________________________________________






**Ġ. Dawn huma stampi ta' postijiet li nsibu fl-Imdina.**

**Ikteb l-isem it-tajjeb taħt kull stampa.** *(1 marka x 4 = 4 marki)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Bieb l-Imdina | Triq fl-Imdina | Il-Katidral tal-Imdina | Is-swar tal-Imdina |

1. 

2. 


3. 

4. 

**G. Ikteb ŻEWĠ sentenzi b'kull wieħed jew waħda minn dawn li ġejjin biex turi kif dawn jistgħu jgħinuna biex ikollna AMBJENT SOĊJALI aħjar.**

*(2 marki x 5 = 10 marki)*

1. IL-PULIZIJA



2. IS-SAĊERDOT




3. IL-GWARDJAN LOKALI



4. IL-KENNIES U TAL-INDAFA PUBBLIKA



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

5. L-GĦALLIEMA



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~
~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~